MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 14/2011/1

**Paul Polidano**

**Vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

Permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Awissu 2012 l-Awtorita talbet li din il-qorti thassar is-sentenza li tat fil-31 ta' Mejju 2012 u tordna ritrattazzjoni tal-appell **Paul Polidano vs l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (Rikors 14/2011). It-tezi tar-ritrattandi hi li fis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2012, din il-qorti applikat il-ligi hazin peress li naqset milli tapplika l-Artikolu 86(14) tal-Kap. 504 li jipprovdi:-

*"(14) Jekk qabel ma jsir l-appell jew matul is-smigħ ta' appell, l-appellant jippreżenta lill-Awtorità applikazzjoni għal liċenza jew permess ta' żvilupp dwar l-attività jew l-art imsemmija fl-ordni jew fl-avviż, **it-Tribunal għandu jiċħad l-appell** jekk ikun sodisfatt illi dik l-applikazzjoni tkun intiża biex tissana l-attività jew l-iżvilupp imsemmi fl-ordni jew fl-avviż".*

Mill-atti jirrizulta li Paul Polidano ma wegibx.

Il-qorti rat l-atti tal-appell 14/2011.

Is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2012 kienet titratta appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar tad-9 ta' Gunju 2011 (Appell numru 234/02) fejn it-Tribunal qal hekk:-

*"It-Tribunal,*

*Ra l-appell tal-Avukat Dottor Michael Sciriha ghall-appellanti ipprezentat fid-19 ta' Gunju 2002;*

*Billi l-Avviz meritu ta' dan l-appell gie segwit b'applikazzjoni sanataroja PA 1671/2005, li giet michuda, appellata u l-appell minnha qed jigi deciz illum stess.*

*Billi ghalhekk l-meritu ta' dan l-appell, mill-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, hu llum ezawrit.*

*Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell".*

Fis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2012 il-Qorti tal-Appell kienet irrevokat id-decizjoni tat-Tribunal wara li osservat li d-decizjoni tal-istess Tribunal fil-kaz 1617/2005 kien dakinhar stess giet imhassra mill-istess qorti fl-appell Paul **Polidano vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (13/2011). Il-qorti qalet:

*"Illi gara izda li bis-sentenza indikata tallum, l-istess decizjoni tat-Tribunal dwar ir-rifjut tal-istess applikazzjoni sanatarja giet annullata u rimandata lit-Tribunal sabiex jerga' jikkonsidra l-kaz skond il-Ligi u ghat-tenur tal-istess decizjoni kollox kif deciz fl-istess decizjoni fl-ismijiet*

*premessi deciza llum stess, u* ***allura jsegwi li l-mertu tal-kaz odjern ghadu b'hekk mhux ezawrit u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-appell tallum ghandu u qed jigi milqugh***[1] *u b'hekk din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tal-imsemmi Tribunal f'dan il-kaz mertu ta' dan l-appell, b'dan ukoll li l-istess kaz odjern ghandu jigi trattat u deciz fil-mertu mal-kaz li jittratta l-applikazzjoni 1617/05 u ghalhekk l-atti relattivi qed jergghu jigu hekk rinvjati lit-Tribunal sabiex dan il-kaz jigi trattat ma' dak mertu tal-appell deciz illum fl-ismijiet* ***"Paul Polidano vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"*** *(Appell Numru 13/2011/RCP)".*

Hu ovvju li minhabba s-sentenza li nghatat fl-appell 13/2011 din il-qorti ma kellhiex triq ohra ghajr li thassar is-sentenza tat-Tribunal tad-9 ta' Gunju 2011 (Appell 234/02). It-Tribunal iddecieda li ma jiehux iktar konjizzjoni tal-appell ta' Paul Polidano proprju minhabba s-sentenza li kien ta fil-kaz l-iehor (Applikazzjoni 1617/2005, Appell numru 283/05). Pero' dan ma baqax iregi gialadarba d-decizjoni fl-Appell 283/05 giet revokata mill-Qorti tal-Appell. Fid-decizjoni tad-9 ta' Gunju 2011 it-Tribunal illimita ruhu biex ighid li kien qieghed jastjeni milli jqies iktar l-appell proprju minhabba d-decizjoni li ta dakinhar fir-rigward tal-applikazzjoni 1617/05. Pero' dik id-decizjoni ma baqghetx valida gialadarba l-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-31 ta' Mejju 2012 irrevokat id-decizjoni tat-Tribunal fl-appell numru 283/05. L-Artikolu 86(14) ma kienx rilevanti ghall-Qorti tal-Appell. Tant hu hekk li lanqas l-Awtorita' nnifisha ma ghamlet riferenza ghalih fit-twegiba li kienetipprezentat fil-21 ta' Novembru 2011[2]. Lanqas m'ghandu jkun li parti tipprova tinqeda bil-procedura ta' ritrattazzjoni, li hi procedura ta' natura straordinarja, sabiex tipprova terga' tiftah il-kaz mill-gdid billi tinvoka provvediment tal-ligi li kellha kull opportunita' li tirreferi ghalih fit-twegiba ghall-appell izda ma semmitux. F'kull kaz semmai kien it-Tribunal li kellu japplika dak il-provvediment fid-decizjoni tad-9 ta' Gunju 2011 (Appell numru 234/02) u **jichad l-appell ghar-raguni li tissemma f'dak il-provvediment**. Hekk jipprovdi l-Artikolu 86(14) tal-Kap. 504. Pero' bid-decizjoni tad-9 ta' Gunju 2011 it-Tribunal ma cahadx l-appell ta' Paul Polidano a bazi tal-Artikolu 86(14) izda semplicement iddikjara li kien qieghed jastjeni milli ***'....jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell'*** minhabba d-decizjoni li nghatat dakinhar stess fir-rigward tal-applikazzjoni 1617/05. Ghaldaqstant din il-qorti kienet korretta meta kkonkludiet li minhabba s-sentenza li tat fl-Appell 13/2011, ***"jsegwi li l-mertu tal-kaz odjern ghadu b'hekk mhux ezawrit"*** u ghaddiet biex thassar is-sentenza.

Fl-ahharnett hu ovvju li fis-smiegh tal-appell it-Tribunal irid jiddeciedi skond il-ligi. 'Il fatt li fil-parti dispozittiva tas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2012 din il-qorti qalet:-

*"tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l- Ippjanar u li jista' jiehu konjizzjoni tal-kaz skont il-ligi u dan anke ai termini tal-****artikolu 40*** *inkluz* ***subartikolu (3) tal- Kap. 504****, b'dan li l-istess Tribunal ghandu jappunta u jisma' l-appell numru 234/02 ECF flimkien mal- applikazzjoni (1617/05) u l-appell relattiv,* ***sabiex fid-dawl ta' dak deciz f'din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skont il-ligi"*** (enfazi mizjuda);

[1] Enfazi mizjuda minn din il-qorti.
[2] Ara fol. 13 tal-atti tal-appell 14/2011.

ma jfissirx li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin[3]. Fis-sentenza l-qorti ghamlitha cara li t-Tribunal ghandu **jiddeciedi skond il-ligi** u issa jispetta lit-Tribunal li meta jikkunsidra l-appell ta' Polidano japplika l-ligi u jaghti r-ragunijiet ghad-decizjoni.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghar-revoka tas-sentenza ta' din il-qorti tal-31 ta' Mejju 2011 u ritrattazzjoni tal-istess ai termini tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Spejjez kontra taghha**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Rilevanti wkoll kif fis-sentenza **J. Difesa vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar** (6 ta' April 2005), din il-qorti (Imhallef P. Sciberras) qalet: "*Huwa desumibbli minn dawn l-enuncjazzjonijiet illi hemm lok ghal smiegh gdid fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi mhux jekk il-Qorti tkun interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghall-meritu quddiemha imma biss jekk* ***tkun applikat ghal dak il-meritu ligi zbaljata u cjoe ligi minflok ohra****"*. Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **R. Micallef et nomine vs G. Abela et nomine** (3 ta' Gunju 1994), qalet: "*ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata*". Fil-kaz in ezami m'hemm xejn minn dan.